MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2009

Numru 135/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvio Valletta)**
**(Spettur Therese Sciberras)**
**vs**

**PHILIP AZZOPARDI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Philip Azzopardi ta’ 61 sena iben Carmelo u Paula xebba Busutill, mwieled Zebbug nhar 2 ta’ Frar 1942 u residenti GT Court B, Flat 7 Resort Street, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta’ l-identita 17844M – Tel 79311687.

Billi gie akkuzat talli f’dawn l-Gzejjer nhar 3 ta’ Frar 2005 jew fil-jiem ta’ qabel, fil-ghaxija xjentement ghen jew assista lil awtur jew awturi fid-delitt ta’ serq li sehh nhar 3 ta’ Frar 2005, minn fond Nru. 184, Ix-Xatt ta’ Santa Marija, Mellieha, liema serq hu kwalifikat bil-mezz, hin, lok u valur li jeccedi l-elf lira maltin, u li sar ghad-detriment ta’ Giovanni Maria Sammut minn B’Kara, fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ppreparat jew ikkunsmat;

U gie akkuzat ukoll talli fl-istess, data, hin lok u cirkostanzi zamm jew garr arma tan-nar u cioe senter tal-marka Bernardelli bin-numru 170471 minghajr ma’ kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju tieghu datata 22 ta’ Frar, 2006 (Ara fol. 69 tal-Process) u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Tirrileva li din il-kawza tirrigwarda akkuzi fil-konfront tal-imputat Philip Azzopardi fuq komplicita f’serq ikkwalifikat u li l-imputat zamm jew garr arma tan-nar (senter tal-marka Bernardelli bin-numru 170471) minghajr ma kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rigward l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat u cioe’ fuq komplicita’ f’serq ikkwalifikat il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza ma tirrizultax sudisfacentement ippruvata fil-konfront tal-imputat.

F’dan ir-rigward il-Qorti sejra ticcita bran mid-deposizzjoni tal-imputat Philip Azzopardi (Seduta tat-23 ta’ Gunju, 2008) fejn dan ix-xhud, inter alia, qal:

“Nghid illi dan Naser ili nafu ghal dawn l-ahhar ghaxar snin bejn wiehed u iehor. Dana m’ghadux jahdem mieghi. Nghid illi minn mindu beda l-kaz odjern dana Naser jiena keccejtu mix-xoghol mieghi. Nixtieq nghid illi oltre li kien jahdem mieghi Naser kien jaghmel xoghol ghal terzi persuni bhal tikhil u tibjid u ghalhekk kien gieli jitlobni biex nisliflu l-van tieghi halli jkun jista’ jgorr l-oggetti relatati max-xoghol tieghu.” (Sottolinjar tal-Qorti).

Hawn il-Qorti taghmel referenza ghal brani mid-deposizzjoni tax-xhud Mansur Hamid li fis-Seduta tad-9 ta’ Marzu, 2005, inter alia, qal:

“Nghid fi Frar ta’ din is-sena pero’ ma niftakarx il-gurnata jiena kont hadt vann Toyota u dan il-vann Toyota huwa ta’ Philip Azzopardi li qieghed naghrfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla” “…………………….” “Illi jien il-vann ta’ Philip Azzopardi dejjem kont naqbad u niehdu kull meta kelli bzonn. Nghid illi jiena lil Philip Azzopardi gieli ghidtlu u gieli le ghalxiex nuzah il-vann. Nghid illi jiena dejjem kont incempel lill-imputat u nghidlu li kont ser nuza l-vann u jien kont immur ghandu ghac-cwievet tal-vann u dejjem kien jaghtihomli. Nghid illi ic-cirkostanza dwar din is-serqa li qed nixhed dwarha wkoll gara li jiena cempilt lill-imputat u ghidltu li kelli bzonn il-vann u tlabtu c-cwievet u imbaghad tahomli. Nghid dakinhar jiena lill-imputat Azzopardi ma kontx ghidtlu ghalxiex ser niehdu l-vann. (Sottolinjar tal-Qorti).

Hawn il-Qorti tirrimarka li is-sitwazzjoni kienet tkun ferm differenti ghall-imputat li kieku gie ippruvat li l-imputat kien jaf li Mansur Hamid ried jissellef il-vann biex jaghmel serqa u xorta selliflu l-vann. Dan pero’ ma giex ippruvat.

F'dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghal bran mid-deposizzjoni ta' Mansur Hamid (Seduta tad-9 ta' Marzu 2005) fejn dan ix-xhud, inter alia, qal: "Nghid illi jiena meta hadt l-oggetti ghand l-imputat m'ghidtlux li dawn l-oggetti kont sraqthom. Ghidtlu biex ihallihomli xi gimgha hemmhekk ghandu imbaghad ha nara jien x'naghmel. Wara pero' l-imputat sar jaf li dawn l-oggetti jiena kont sraqthom u nghid li dan wara xi kwazi gimgha l-imputat kien gie ghandi u qalli minn fejn jiena kont gibt dawk l-affarijiet u jiena kont ghidtlu li kont sraqthom u hu lili rrispondieni biex jara minn fejn kont hadthom u jien u hu konna mmorru ntuhom lil sidhom." (Sottolinjar tal-Qorti).

Hawn il-Qorti sejra taghml referenza ghas-segwenti brani mid-deposizzjoni tax-xhud Olaya Imrini (Seduta tal-20 ta' Awissu 2007) fejn din ix-xhud, inter alia, qalet: "Dawn l-oggetti kienu bicctejn ghamara, wahda kienet gradenza u wahda kienet tixbah qisu skrivanija. Nghid illi dana Nasir kellem lil imputat u kien saqsih jekk setax ihalli dawk l-affarijiet hemmhekk ghaliex hu kien qed jibza' li taghmillu x-xita u tista' taghmillu l-hsara.

Nixtieq nghid li dan id-diskors sar qabel ma tnizzlet u ddahlet l-ghamara gewwa l-istore. Fil-fatt imbaghad dan l-imputat kien qal imbaghad lil dan Nasir x'kienu dawn l-affarijiet. U dana irrispondieh li kienu bicctejn ghamara. Nghid l-imputat wkoll saqsa lil Nasir imbaghad minn fejn kien gabhom. U nghid illi wara l-imputat saqsa lil Nasir dawn minn fejn kien gabhom, Nasir kien irrispondih illi hu kien mar jaghmel xoghol u dawna l-oggetti kien partathom max-xoghol li kien ghamel hu. Imbaghad l-imputat wiegeb lil Nasir li jekk dan ma kienx ser izommhom ghal certu dewmien seta' idahhalhom." "………………………………" "Ghalhekk l-imputat qal lil Nasir li jekk ahna nsibu xi grieden jew wirdien f'din l-

ghamara irid jigi jehodhom. Jien dak il-hin allura iccekjajt l-ghamara pero' ma sibtx minn dan. L-Ghamara kienet nadifa. Hadd ma ghadda flus lil xi hadd iehor. Nghid dina l-ghamara kienet vojta minn gewwa." (Sottolinjar tal-Qorti).

Hawn il-Qorti sejra ticcita is-segwenti bran mid-deposizzjoni tal-imputat Philip Azzopardi li (Seduta tat-23 ta' Gunju, 2008), inter alia, qal:

"Jiena staqsejt lil dan Naser dawn l-affarijiet kienux tieghu u huwa rrispondieni illi iva u qalli illi huwa kien partathom max-xoghol. Fis-sens illi kien ghamel xi xoghol u thallas b'dawna l-oggetti." (Sottlinjar tal-Qorti).

Hawn il-Qorti tosserva li tali bran tad-deposizzjoni tal-imputat hi kollaborata ma' dak li qalet ix-xhud Olaya Imrini fid-deposizzjoni taghha (Seduta tal-20 ta' Awissu, 2007) (Vide ante).

Il-Qorti hi tal-fehma li mill-provi prodotti ma jirrizultax sodisfacentement ippruvat li l-imputat kien involut fis-serqa riferita fl-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu u ghalhekk l-imputat ma jistax jinstab hati ta' l-ewwel akkuza.

Rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat u cioe' li l-imputat zamm jew garr arma tan-nar (senter tal-marka Bernardelli bin-numru 170471) minghajr ma kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, il-Qorti tosserva li tali akkuza ma tirrizultax kif dedotta.

It-tieni akkuza kif dedotta tghid:

“Nakkuzawh ukoll talli fl-istess, data hin, lok u cirkostanzi zamm jew garr arma tan-nar u cioe’ senter tal-marka Bernardelli bin-numru 170471 minghajr ma’ kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.”

Issa fl-ewwel akkuza insibu is-segwenti dicitura: “U nakkuzah talli f’dawn il-Gzejjer nhar 3 ta’ Frar 2005 jew fil-jiem ta’ qabel, fil-ghaxija xjentement ghen jew assista lil awtur jew awturi fid-delitt ta’ serq li sehh nhar 3 ta’ Frar 2005, minn fond Nru. 184, Ix-Xatt ta’ Santa Marija, Mellieha, liema serq hu kwalifikat bil-mezz, hin, lok u valur li jaccedi l-elf lira maltin, u li sar ghad-detriment ta’ Giovanni Maria Sammut minn B’Kara, fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ppreparat jew ikkunsmat;”

Mis-suespost jemergi li it-tieni akkuza tuza l-kliem “….fl-istess, data hin lok u cirkostanzi zamm jew garr arma tan-nar…..”. Dan allura jallacca din it-tieni akkuza mal-istess data, hin, lok u cirkostanzi indikati fl-ewwel akkuza.

Fid-dawl tal-provi prodotti u tenut kont il-fatt li rigward l-ewwel akkuza il-Qorti qeda tiddikjara f’din is-Sentenza li l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat ma gietx sufficjentement ippruvata ghaldaqstant it-tieni akkuza ma’ tistax tissusisti kif dedotta.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma ssibx lill-imputat Philip Azzopardi hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u minnhom tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------